# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-13 ta' Novembru, 2018.**

**Prim'Awla tal-Qorti Civili**
**(Sede Kostituzzjonali)**

**Rikors Numru 92/2014**

**Josephine Azzopardi f'isimha proprju u bhala prokuratrici tal-imsiefra Anna Maria Saddemi, Patricia Anastasi u Greta Bartolo Parnis**

**u**

**b'digriet datat l-4 t'Awwissu, 2016, ir-rikorrenti Greta Bartolo Parnis assumiet l-atti b'mod esklussiv**

**vs.**

**L-Onorevoli Prim Ministru, il-Ministru tal-Kultura, l-Gustizzja u l-Gvern Lokali, l-Avukat Generali u Margot Debono Palmier**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors promotur datat it-13 ta' Novembru, 2014, (ara foll 1);

2.0. Tirrileva li bl-eccezzjoni ta' zewg (2) fatturi, senjatament:

2.1. L-indirizz tal-appartament mertu tal-procedura hawnhekk in-numru 5, Blokka 'B', *St Julian's Court*, Triq is-Sur Fons, San Giljan;

2.2. L-inkwilini involuti;

din il-procedura hi ghal kollox indentika ghall-procedura fl-ismijiet **Azzopardi *proprio et nomine et* vs. L-Onorevoli Prim Ministru *et***, Rikors Numru 76/2014 deciza minn din il-qorti kif preseduta illum stess;

3.0. Illi *di piu`* jirrizulta wkoll li s-segwenti dokumenti pprezentati *in atti* huma wkoll fil-partijiet generali tal-istess, ghal kollox identici, ovvjament bl-eccezzjoni fejn jirrigwardaw iz-zewg (2) elementi indikati fil-paragrafu precedenti, senjatament:

3.1. Ir-risposta tal-intimati Prim Ministru, Ministru hemm indikat u l-Avukat Generali, (ara foll 5);

3.2. Ir-risposta tal-intimata Margot Debono Portanier, (ara foll 17);

3.3. Id-dikjarazzjoni guramentata ta' Josephine Azzopardi, (ara foll 26);

3.4. In-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, (ara foll 220);

3.5. In-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat Prim Ministru, Ministru kkoncernat u l-Avukat Generali, (ara foll 230);

3.6. Illi l-intimata Debono Palmier, bhall-intimati Bonnett fir-Rikors 76/2014 u l-intimati Hamer fir-Rikors numru 84/2014, ghazlu li ma jintavolawx nota ta' sottomissjonijiet *nonostante* li debitament awtorizzata li taghmel dan, (ara foll 219);

4. Illi jigi wkoll sottolineat li l-istess atti fuq riferiti tal-partijiet involuti kienu pprezentati fir-Registru fl-istess granet korrispondenti ghad-dokumenti involuti;

Ikkunsidrat:

5. Illi ghalhekk il-mertu veru u proprju naxxenti mill-istess vertenza hawn in dizamina hu, bl-eccezzjonijiet fuq riferiti, (ara paragrafu numru tnejn, (2.), aktar qabel), assolutament identiku;

6. Illi konsegwenza tal-istess, biex jigi evitat dilungar inutili u ghall-ekonomija tal-gudizzju, tiddikjara li s-sentenza deciza dalghodu stess fl-ismijiet fuq gia` indikati, (ara paragrafu numru tnejn, (2.), aktar qabel), hi wkoll, fil-partijiet rilevanti, applikabbli *in toto* ghall-procedura odjerna u ghalhekk qed tittiehed li tifforma parti integrali mis-sentenza odjerna;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *proprio et nomine* ipprovat *in parte*, it-talbiet taghha, u konsegwentement:

**DECIDE:**

7.1. Takkolji l-ewwel (1) eccezzjoni preliminari tal-intimati Prim Ministru *et*, (ara foll 5), u in vista tal-artiklu 181 B tal-Kap 12, tiddikjara li l-Prim Ministru u l-Ministru tal-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali m’humiex il-legittimi kontradditturi f’din il-procedura, u ghalhekk, tilliberhom mill-osservanza tal-gudizzju;

7.2. Illi l-ispejjez konnessi ma din l-eccezzjoni preliminari jkunu a karigu tar-rikorrenti *proprio et nomine*;

7.3. Takkolji l-hdax (11) u t-tlettax (13) -il eccezzjoni tal-intimat Avukat Generali, (ara foll 8);

7.4. Tirrespingi l-eccezzjonijiet l-ohra kollha rimanenti tal-intimat Avukat Generali;

7.5. Tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-intimata Debono Portanier, (ara foll 19);

7.6. Takkolji limitatament l-ewwel (1) talba tar-rikorrenti *proprio et nomine*, (ara foll 3), u tiddikjara li l-istess rikorrenti *proprio et nomine* soffriet lezjoni tal-Ewwel Artiklu mall-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u konsegwentement ukoll, tiddikjara lill-artiklu 12 A tal-Kap 158 ma jistax jigi applikat fil-konfront taghha;

7.7. Takkolji t-talba tar-rikorrenti *proprio et nomine* ghall-izgumbrament tal-intimata Debono Portanier;

7.8. Tordna ghalhekk l-izgumbrament tal-intimata Margot Debono Portanier mill-appartament numru 5, Blokk 'B', *St. Julian's Court* Triq is-Sur Fons, San Giljan;

7.9. Takkolji t-talbiet l-ohra tar-rikorrenti *proprio et nomine*;

7.10. Tikkundanna lill-intimat Avukat Generali biex ihallas lir-rikorrenti *proprio et nomine* is-somma ta' €15,000.00 bhala danni pekunjarji;

7.11. Tikkundanna wkoll lill-istess intimat Avukat Generali biex ihallas lir-rikorrenti *proprio et nomine* s-somma ta' €5,000.00 bhala danni morali;

7.12. Illi finalment, il-kumplament tal-ispejjez ta' din il-procedura jinqassmu, bejn l-intimat Avukat Generali u l-intimata Debono Portanier, fejn tal-ewwel jaghmel tajjeb ghall-zewg terzi (2/3) mill-istess spejjez rimanenti u tal-ahhar taghmel tajjeb ghat-terz (1/3) rimanenti.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**